



Dokument ta' sessjoni

B9-0136/2024

31.1.2024

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-rikonoximent tal-ġenoċidju tal-Griegi kommess mill-Imperu Ottoman (Turkija) mill-1913 sal-1923

Emmanouil Fragkos, Loucas Fourlas, Costas Mavrides, Eleni Stavrou, Hermann Tertsch, Gianantonio Da Re, Tom Vandendriessche, Margarita de la Pisa Carrión, Jorge Buxadé Villalba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rikonoxximent tal-ġenoċidju tal-Griegi kommess mill-Imperu Ottoman (Turkija) mill-1913 sal-1923

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1948 dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta' Ġenoċidju,
 - wara li kkunsidra r-referenzi preċedenti tiegħu għall-ġenoċidju tal-Griegi,
 - wara li kkunsidra r-rikonoxximent tal-ġenoċidju tal-Griegi min-naħħa tal-“International Association of Genocide Scholars” (Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Istudjużi tal-Ġenoċidju) u min-naħħa tan-Netherlands, tal-Awstrija, tal-Iżvezja, tal-Greċja, ta' Ċipru u tal-Armenja, kif ukoll ta' bosta bliet u reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi d-delitti mhux rikonoxxuti spiss jiġu ripetuti;
- B. billi t-Turkija hija l-uniku pajjiż tal-kontinent Ewropew f'sens usa' li matul l-istorja tiegħu fittex, mingħajr ma ġie ostakolat, il-“purezza nazzjonali” u li jkompli jikkommetti atti ta' ġenoċidju ta' kull xorta;
1. Jieħu f'kunSIDERazzjoni l-fatt li sebgħa biss mis-27 Stat Membru tal-UE rrikonoxxew il-ġenoċidju tal-Griegi;
 2. Jirrikonoxxi li l-kampanja Ottomana li twettqet kontra l-minoranzi Griegi u Nsara mill-Imperu Ottoman bejn l-1913 u l-1923 tikkostitwixxi ġenoċidju;
 3. Jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma rrikonoxxewx il-ġenoċidju tal-Griegi biex jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli.